**QORTI ĊIVIDLI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar 15 ta' Dicembru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 220/2019 JPG**
**Kawza Nru : 29**

**AG**

**Vs**

**DP b'digriet datat 4 ta' Novembru 2021 ghall-korrezzjoni fil-kunjom.**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku**

**U**

**B'digriet tal-24 ta' Ottubru 2019 gew mahtura Dr Martin Fenech u PL Davina Sullivan bhala Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minuri CG.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AG datat 24 ta' Settembru 2019, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi f'X twieled il-minuri CG skont l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. AG 1';*

2. *Illi l-imsemmi minuri CG ġie reġistrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben ir-rikorrenti AG;*

3. *Illi sussegwentement l-esponenti ġie a konoxxenza tiegħu illi għalkemm fir-Reġistru Pubbliku hemm imniżżel bħala 'Missier it-Tarbija' l-esponenti bid-dettalji kollha relattivi tiegħu, il-missier naturali u bijoloġiku tal-Minuri mhuwiex l-esponenti u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

4. *Illi r-rikorrenti ma jridx li jibqa' jkun indikat bħala l-missier tal-minuri CG għaliex dan ma jirrispekjax il-verita';*

5. *Illi kontestwalement ma dan ir-rikors, inbdew ukoll proċeduri ta' separazzjoni stante li l-intimata fil-ħdax (11) ta' Awissu 2019 minn jedda abbandunat id-dar matrimonjali;*

6. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatt personalment.*

*Għaldaqstant l-attur umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet hawn fuq premessi jogħġobha;*

1. *Tiddikjara illi għall-finijiet kollha tal-liġi il-Minuri CG mhuwiex wild naturali tar-rikorrent u dan okkorrendo bin-nomina tal-esperti mediċi biex isiru t-testijiet kollha opportuni.*

2. *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri CG billi fejn hemm miktub l-isem tar-rikorrenti, dan jiġi imħassar u jiġi mniżżel illi l-minuri msemmi huwa ta' missier mhux magħruf.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni.*

Rat illi l-atti u d-dokumenti tar-rikors promotur, u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentat ta' DP, datata 6 ta' Novembru 2019, a fol 21, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti in kwantu omm il-minuri qeghda taccetta n-notifika bil-bandu tal-kuraturi u qeghda konsegwentement tintavola din ir-risposta kemm ghan-nom taghha u kif ukoll ghan-nom ta'binha.*

2. *Illi l-minuri CG twieled minn relazzjoni li kellhom flimkien l-esponenti u r-rikorrenti, li effettivament wasslet lill-partijiet li jizzewgu u ghalhekk ir-rikorrenti huwa l-wild naturali tal-minuri.*

3. *Illi l-minuri, li twieled fil-11ta' Awissu 2017 gie koncepit fi zmien meta l-partijiet kien ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin regolarment u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni il ghaliex il-minuri m'ghandux jitqies bhala l-wild tar-rikorrenti.*

4. *Illi dawn il-proceduri u allegazzjonijiet bdew biss wara li l-esponenti kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tesplora l-possibilita ta' separazzjoni, minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti inkluz vjolenza domestika kemm fizika kif ukoll morali, kif ukoll sevizzi eccessi u dan fost nuqqasijiet ohra da parti tieghu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qeghdha titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Novembru 2019, a fol 23 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-liġijiet ta'Malta). L-imsemmi proviso jagħti l-possibilità il-wieħed mill-konjuġi f'azzjoni ta denegata*

*paternità jiġi awtorizzat biex jibda kawża biex jiċħad wild imwieled matul iż-żwieġ lill-konjuġi tiegħu barra t-termini stabbiliti fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-imsemmi Artikolu, liema terminu għadda fil-każ odjern. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attur ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attur għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

2. *Illi bla ħsara għall-premess u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternità;*

4. *Illi stante l-premess, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri CG, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem l-attur, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu kanċellati mill-Att tat-Twelid ta' CG;*

7. *Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tad-Dipartiment u għaldaqstant m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati, Dr Martin Fenech u PL Davina Sullivan, datata 3 ta' Dicembru 2019 a fol 27, u dik datata 24 ta' Jannar 2020 a fol 28 et seqq., , li jaqraw hekk:

1. *Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri.*

2. *Illi fit-tieni lok ghandu jigi ordnat li jsir it-test tad-DNA halli jigi stabbilit il-vera missier naturali.*

3. *Illi wara li jigi tabbilit il-missier vera u naturali ghandha isir il-korrezzjoni fic-ceritfikat tat-twelid.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat x-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2021 li permezz tieghu il-kunjom tal-intimata DGP gie korrett ghal 'P' u dana in segwitu tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u l-intimata;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet fil-verbal datat 4 ta' Novembru 2021 (vide fol 54-55);

**Ikkonsidrat:**

**L-attur AG xehed permezz ta' affidavit** *(vide fol 39 et seq tal-atti)* fejn spjega illi hu u l-intimata DP kienu ilhom f'relazzjoni ghal madwar tlett (3) snin, b'dana illi huma kienu imbaghad izzewwgu fit- 18 ta' Novembru 2017. Illi fil-11 t'Awwissu 2017, twieled il-minuri CG. Jirrileva illi filwaqt li hu kien ha jtir bil-ferh hekk kif sar jaf illi kien ser isir missier, l-intimata kienet tkun hosbiena u mdejqa. Illi d-dwejjaq tal-intimata kompla jzid wara t-twelid tal-minuri u dana peress li l-intimata inhakmet minn *post-natal depression*. L-attur jishaq illi hu kien kommess li jghin lil martu u jara li l-ibnu ma jonqsu xejn. Illi pero' aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar beda jkollu sospetti li l-minuri seta' ma kienx tieghu, liema sospetti

komplew jizdiedu fid-dawl tal-attegjament tal-intimata. Jishaq illi apparti l-fatt li l-minuri la kien jixbah lilu u lanqas lill-intimata jew lill-familjari immedjati taghhom, kull darba li kien jerfghu biex jilghab mieghu, l-intimata kienet tiddejjaq u dejjem kienet issiblu skuza biex ma thallhiex jilghab mal-minuri. Izid illi kull darba li l-minuri kien ha jghajjatlu papa', l-intimata kienet dejjem issiktu u taghmilu *dummy* f'halqu.

Kif il-minuri ghalaq sena, l-intimata kienet qabdet tohorg kuljum, minghajr hinijiet u minghajr ma tghati tgharif ta fejn qieghda. Illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attur kien innota diversi marki fuq gisimha, liema marki hi qaltlu huma biss hruq tas-sigaretti. Jixhed illi kien anke qabad jinnota certu kunfidenzi zejda mal-irgiel tant li kienet tigi lura d-dar f'karozza mimlija irgiel, liema irgiel hija kienet qaltlu huma kugini taghha. Jispjega illi kien sabilha ritratti provokanti ta' xi irgiel fuq il-mobile taghha, tant li l-ismijiet ta' certu irgiel kienu wkoll jissemmew f'mumenti ta' intimita bejniethom.

Eventwalment, wara li l-intimata telqet mid-dar, kienu bosta l-girien li qasmu dak li kienu jaraw mal-attur, izda kienu bezghu jghidulu qabel. Certu Simon Grixti, kugin tal-attur, kien qallu li kien ra lill-intimata f'attegjamenti intimi ma' ragel iehor hdejn il-bahar, u dan fil-presenza tal-minuri. Illi kien hemm ukoll habib tar-rikorrenti u ta' ommu, li kien qallu li ommu, ukoll kellha l-istess suspetti u li kienet fethet qalbha mieghu ftit qabel ma giet nieqsa.

Jirrileva illi ghalkemm kien esprima x-xewqa li jsir DNA test fuq il-minuri sabiex inehhi dawn id-dubbji minn mohhu, l-intimata kienet taghmillu xenata kull darba u ma taghtix kasu.

**AV, l-ex partner ta' omm l-attur xehed permezz ta' affidavit** *(vide fol 42 tal-atti)* fejn spjega illi huwa kienu ilu jghix ma' omm ir-rikorrenti ghal aktar minn ghoxrin (20) sena u ghalhekk kien rabba lir-rikorrenti u lil hutu flimkien ma' ommhom MG. Jixhed illi l-attur u l-intimata kienu ghamlu xi zmien, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, jghixu maghhom fid-dar ta' omm ir-rikorrenti. Jishaq illi meta kien iltaqgha mal-intimata l-ewwel darba, mill-ewwel ghorkitu ghajnejh minnha ghaliex kienet aggressiva mal-attur u minn dak li kien jara u jisma, il-komportament taghha xejn ma kien ghogbu ghaliex kienet taghti hafna kunfidenza zejda lill-irgiel. Ix-xhud jaghmel referenza ghall-okkazzjoni partikolari fejn kienet talbitu iwassalha l-Qajjenza ghand xi zijiet taghha, u ftit wara cemplitlu biex johdilha xi haga tal-minuri li kienet nesiet warajha d-dar. X'hin ra gejja mill-boghod, maghha kien hemm guvni li ma kienx jaf minn kien u l-intimata kienet tidher qisha mnezza. Izid illi l-intimata kienet ta' spiss tiftahar

bl-ammont ta' rgiel li kienu qed jibghatulha u li jriduha izda madanakollu huwa qatt ma tkellem ghaliex ma riedx jaqla inkwiet mal-attur ghaliex kien jaf li l-attur kien ihobbha u kien ghami warajha. Jistqarr illi l-girien kienu jghidulu li kienu jaraw lill-intimata ma'rgiel differenti izda hu dejjem pprefera li jikkonferma dak li kien qieghed jigi riportat lilu b'ghajnejh stess, milli joqghod fuq dak li kienu jghidu n-nies. Illi effettivament l-intimata ma kienetx fidilha lejn zewgha.

Jispjega illi kull darba li kienu jiggieldu, l-intimata kienet thedded lir-rikorrenti, illi jekk titlaq, ma kienetx ser thallih ikellem lill-minuri aktar. Jixhed illi r-rikorrenti kien jibza hafna meta kienet tghidlu hekk u ghalhekk kien joqghod kwiet. Izid ukoll illi l-intimata kienet issikket lill-minuri kull darba li kien jghajjat lill-attur papa.'

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrent qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali tal-minuri CG. Illi l-minuri twieled fil- 11 t'Awwissu 2017 u gie koncepit minn relazzjoni intima bejn il-partijiet, liema relazzjoni wasslet lill-partijiet jizzewgu fit-18 ta' Novembru 2017 u cioe circa tlett xhur wara t-twelid tal-minuri. Illi l-minuri ormai ghandu circa erba' (4) snin u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 5* tal-atti. Illi tul il-mori tal-proceduri, il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta'separazzjoni.[1]

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:

> ***Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

[1] Vide verbal tal- 4 ta'Novembru 2021 a fol 54 tal-atti.

Illi sabiex tirnexxi kawza ta' *denegata paternita'* ai termini tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra DP, li minnha huwa ormai legalment separat, u kontra l-Kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-wild. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza in forza tad-digriet taghha moghti nhar it- 13 ta' Lulju 2020 seduta stante,[2] u dana wara li prezenta rikors ai termini tal-artikolu 73 fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jipprosegwi bil-kawza ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-ulied,[3] liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 5 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta. Illi ghalhekk dan ir-it-tieni rekwizit huwa palezement sodisfatt.

Fir-rigward tat-tielet rekwizit, il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***"Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – [omissis]***

---

[2] Vide verbal datat 13 ta'Lulju 2020 a fol 34 tal-atti.
[3] Vide rikors a fol 13.

***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***

***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur."***

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar a fol 51A *et seq* tal-process, u r-rapport anness mieghu li jindika b'mod inkonfutabbli li skond it-testijiet genetici li saru fuq il-minuri CG u r-rikorrenti AG, ir-rikorrenti m'huwiex il-missier biologiku ta' CG. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tilqa t-talba tar-rikorrent ghad-denegata paternita tal-minuri.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmi minuri huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri CG il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Il-Qorti rat illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2021, *seduta stante* gie maqbul bejn il-partijiet illi l-minuri, li ghad ghandu biss erba (4) snin, ghandu jgib il-kunjom Pisani, anke stante l-fatt li l-intimata omm in forza tal-kuntratt ta'separazzjoni bejn il-partijiet, qieghda ormai ggib biss kunjom xbubitha u cioe Pisani.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ispejjes tal-kollha ta'dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni datat 29 ta' Jannar 2020 ghandhom ikunu a karigu tal-intimata DP stante li jidher li effettivament hija kienet a konnoxxenza tal-verita' dwar il-paternita' ta' binha, liema verita hija baqghet tichad.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti, AG m'huwiex il-missier naturali ta' CG u konsegwentement;**

2. **Tiddikjara illi kunjom il-minuri CG ghandu jkun P;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' CG liema att ghandu n-numru 5036/2017 kull referenza ghar-rikorrent, AG senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier ir-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher mill-atti tat-twelid citati, inkluz referenzi ghar-rikorrenti fil-kolonna annotazzjonijiet, filwaqt li jitnehhew ukoll il-kliem "the said" wara isem DP fl-imsemmija kolonna tal-annotazzjonijiet.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata DP inkluz l-ispejjez tar-rikors datat 29 ta' Jannar 2020 ghall-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex jigu ntavolati dawn il-proceduri.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**